

## IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Lulju 2023 – Puigdemont i Casamajó u Comín i Oliveres vs Il-Parlament**

(Kawża T-115/20) <sup>(1)</sup>

**(“Rikors għal annullament – Dritt istituzzjonali – Membru tal-Parlament – Rifjut tal-President tal-Parlament li jilqa’ talba intiża għad-difiża tal-privileġġi u tal-immunitajiet – Att li ma jistax jiġi kkontestat – Inammissibbiltà”)**

(2023/C 296/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Rikorrenti:** Carles Puigdemont i Casamajó (Waterloo, il-Belġju), Antoni Comín i Oliveres (Waterloo) (rappreżentanti: P. Bekaert, G. Boye, S. Bekaert, avukati, u B. Emmerson, KC)

**Konvenut:** Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: N. Görnitz u J.-C. Puffer, aġenti)

**Intervenjent insostenn tal-konvenut:** Ir-Renju ta’ Spanja (rappreżentanti: A. Gavela Llopis u M. J. Ruiz Sánchez, aġenti)

### Suġġett

Permezz tar-rikors tagħhom ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni tal-President tal-Parlament Ewropew allegatament inkluża fl-ittra tiegħu tal-10 ta’ Diċembru 2019, indirizzata b’risposta għat-talba intiża biex il-Parlament jiddefendi, abbażi tal-Artikolu 9 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, l-immunità parlamentari tagħhom.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Carles Puigdemont i Casamajó u Antoni Comín i Oliveres huma kkundannati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Parlament Ewropew.
- 3) Ir-Renju ta’ Spanja għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU C 129, 20.4.2020.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta’ Lulju 2023 – TIB Chemicals vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-639/20) <sup>(1)</sup>

**(“Ambjent u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem – Regolament (KE) Nru 1272/2008 – Klassifikazzjoni, ittikkettjar u imballaġġ tas-sustanzi u tat-taħlitiet – Regolament Delegat (UE) 2020/1182 – Klassifikazzjoni tad-dilawrat tad-diottiltin; [1] stannan, deriv. tad-diottil-, bis(koko aċilossi [2] – Kontroreferenzi – Oneru tal-prova – Żball manifest ta’ evalwazzjoni – Analiżi ta’ impatt”)**

(2023/C 296/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Rikorrent:** TIB Chemicals AG (Mannheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: K. Fischer, avukat)